



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 6 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

10271/23

FIN 605
SOC 425

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Ġunju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 210 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Belġju – EGF/2023/001 BE/ LNSA

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 210 final.

Mehmuż: COM(2023) 210 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.6.2023
COM(2023) 210 final

2023/0152 (BUD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni
għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Belġju – EGF/2023/001 BE/ LNSA**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

KUNTEST TAL-PROPOSTA

1. Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) huma stipulati fir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013¹.
2. Fis-17 ta' Frar 2023, il-Belġju ressaq applikazzjoni EGF/2023/001 BE/LNSA għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara s-sensji f'Logistics Nivelles SA (LNSA) u fornitur wieħed fil-Belġju.
3. Wara l-valutazzjoni li għamlet ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li, f'konformità mad-dispożizzjonijiet kollha applikabbli tar-Regolament (UE) 2021/691, il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ġew issodisfati.

SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI

Applikazzjoni tal-FEG	EGF/2023/001 BE/LNSA
Stat Membru	Il-Belġju
Reġjun(i) ikkonċernat(i) (livell NUTS ² 2)	Il-provinċja ta' Brabant Wallon (BE31) ³
Data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni	17 ta' Frar 2023
Data tal-konferma ta' meta ġiet irċevuta l-applikazzjoni	3 ta' Marzu 2023
Data tat-talba għal informazzjoni addizzjonali	3 ta' Marzu 2023
Skadenza għall-għoti tal-informazzjoni addizzjonali	24 ta' Marzu 2023
Skadenza għat-tlestija tal-valutazzjoni	14 ta' Ġunju 2023
Kriterju ta' intervent	L-Artikolu 4(2), il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2021/691.
L-intrapriża primarja	Logistics Nivelles SA (LNSA)
Settur(i) tal-attività ekonomika (Id-diviżjoni NACE Reviżjoni 2) ⁴	Diviżjoni 52 (Attivitajiet ta' ħażna u appoġġ għat-trasport)
Għadd ta' sussidjarji, fornituri u produttori fl-	1

¹ ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2019/1755 tat-8 ta' Awwissu 2019 li jemenda l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS). ĠU L 270, 24.10.2019, p. 1–56.

³ LNSA kienet tinsab fil-Provinċja ta' Brabant Wallon (BE31). Madankollu, 86.3 % tal-ħaddiema ssensjati jirrisjedu f'Hainaut.

⁴ ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.

istadju aħħari tal-produzzjoni	
Il-perjodu ta' referenza (erba' xhur):	23 ta' Awwissu 2022 – 23 ta' Diċembru 2022
Għadd ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza (a)	542
Għadd ta' sensji qabel jew wara l-perjodu ta' referenza (b)	61
Għadd totali ta' sensji (a + b)	603
Għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli	603
Għadd totali ta' benefiċjarji fil-mira	603
Baġit għal servizzi personalizzati (EUR)	2 484 363
Baġit għall-implimentazzjoni tal-FEG ⁵ (EUR)	49 000
Baġit totali (EUR)	2 533 363
Kontribuzzjoni tal-FEG (85 %) (EUR)	2 153 358

VALUTAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONI

Proċedura

4. Fis-17 ta' Frar 2023, il-Belġju ppreżenta l-applikazzjoni EGF/2022/001 BE/LNSA fi żmien 12-il ġimgħa mid-data li fiha ġew issodisfati l-kriterji ta' intervent stabbiliti fl-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/691. Fit-3 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni kkonfermat il-wasla tal-applikazzjoni u talbet informazzjoni addizzjonali mill-Belġju. Tali informazzjoni addizzjonali ngħatat fi żmien 15-il jum tax-xogħol mit-talba. L-iskadenza ta' 50 jum tax-xogħol minn meta tkun ġiet irċevuta l-applikazzjoni kompluta, u li fihom il-Kummissjoni għandha tiffinalizza l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet għall-ġoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja, tiskadi fl-14 ta' Ġunju 2023.

Eliġibbiltà tal-applikazzjoni

Intrapriża u benefiċjarji kkonċernati

5. L-applikazzjoni tirrigwarda ħaddiema ssensjati li l-attività tagħhom waqfet f'Logistics Nivelles SA (LNSA) (447 ħaddiem) u SuperTransport SA/NV, fornitur ta' Logistics Nivelles (95 ħaddiem). L-għadd totali ta' ħaddiema eliġibbli huwa ta' 542.
6. Logistics Nivelles kienet taħdem fis-settur ekonomiku kklassifikat fid-diviżjoni 52 tar-Reviżjoni 2 tan-NACE (Magazzinaġġ u attivitajiet ta' sostenn għat-trasport). Is-sensji f'din l-intrapriża jinsabu fir-reġjun NUTS 2 ta' Brabant Wallon (BE31).

Kriterji ta' intervent

7. Il-Belġu ressaq l-applikazzjoni fl-ambitu tal-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/691, li jirrikjedi l-waqfien tal-attività ta' mill-anqas 200 ħaddiem issensjat fuq perjodu ta' referenza ta' 4 xhur f'intrapriża fi Stat Membru, inklużi ħaddiema ssensjati f'fornituri u fi produttori downstream u/jew persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet.

⁵ F'konformità mal-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) 2021/691.

8. Il-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur għall-applikazzjoni jtul mit-23 ta' Awwissu 2022 sat-23 ta' Diċembru 2022.
9. Il-waqfien tal-attività matul il-perjodu ta' referenza seħħ kif ġej:
 - 447 ħaddiem issensjati f'LNSA,
 - 95 ħaddiem issensjat f'SuperTransport SA/NV, fornitur ta' LNSA.

Kalkolu tas-sensji u tal-waqfien mill-attivitajiet

10. Skont l-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (a), flimkien mal-Artikolu 5, l-ewwel paragrafu, il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2021/691, il-waqfien tal-attivitajiet tal-ħaddiema ssensjat matul il-perjodu ta' referenza ġie kkalkolat mid-data tat-terminazzjoni de facto tal-kuntratt ta' impjeg jew l-iskadenza tiegħu.

Benefiċjarji eliġibbli

11. Minbarra l-ħaddiema li diġà ssemew, il-benefiċjarji eliġibbli jinkludu 61 ħaddiem issensjat qabel jew wara l-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur. Dawn il-ħaddiema kollha waqqfu l-attività tagħhom fi żmien sitt xhur qabel il-bidu tal-perjodu ta' referenza fit-23 ta' Awwissu 2022 u/jew bejn tmiem il-perjodu ta' referenza u l-jum qabel l-adozzjoni ta' din il-proposta, skont l-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/691, kif meħtieġ mill-Artikolu 6, it-tieni paragrafu, tar-Regolament (UE) 2021/691. Tista' tiġi stabbilita rabta kawżali ċara mal-avveniment li wassal għall-waqfien tal-attività tal-ħaddiema ssensjati matul il-perjodu ta' referenza kif meħtieġ mill-Artikolu 6, it-tieni paragrafu, tar-Regolament (UE) 2021/691.
12. L-għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli huwa ta' 603.

Deskrizzjoni tal-avvenimenti li wasslu għas-sensji u għall-waqfien mill-attivitajiet

13. L-avveniment li wassal għal dawn is-sensji huwa d-deċiżjoni ta' Kuehne + Nagel⁶ (K+N) li tagħlaq is-sussidjarja Belġjana tagħha LNSA.
14. L-istabbiliment kien qed jiffaċċja diffikultajiet finanzjarji f'dawn l-aħħar snin. Fl-2020, it-telf ta' LNSA kien oġġla mill-baġit totali u kienet meħtieġa żieda fil-kapital sabiex jiġi kkumpensat it-telf. Fl-2021, it-telf reġa' kien oġġla milli mistenni. LNSA ma setgħetx tkompli topera fuq terminu twil jew medju mingħajr profitt jew mingħajr ekwilibriju⁷.
15. LNSA tipprovdi servizzi loġistiċi fir-rigward ta' prodotti tal-ikel friski u xotti, inbejjed u spirti lil Carrefour. Bl-għan li jiġġedded il-kuntratt ma' Carrefour, K+N wettqet studju biex tiddefinixxi network futur, li jtejjeb is-servizzi bi spejjeż kompetittivi. Abbażi tar-riżultati tal-istudju, K+N iddeċidiet li tibdel id-distribuzzjoni reġjonali tagħha ta' ikel frisk u xott f'distribuzzjoni nazzjonali. Jiġifieri, minflok il-konsenja lil ħwienet tat-Tramuntana minn Logistics Kontich NV (Kontich)⁸ u lil ħwienet tan-Nofsinhar minn LNSA, isiru l-konsenji kollha minn Kontich u LNSA tingħalaq.

⁶ Kuehne + Nagel International AG hija kumpanija globali tat-trasport u tal-loġistika bbażata fl-Iżvizzera. Hija tipprovdi spedizzjoni tal-merkanzija bil-baħar u tal-merkanzija bl-ajru, loġistika tal-kuntratti, u negozji fuq l-art.

⁷ Sors: Minuti tal-kunsill tax-xogħol ta' LNSA tat-22 ta' Settembru 2021.

⁸ Sussidjarja ta' K+N ukoll.

16. Kontich kienet ippreferuta minħabba li l-produttività tagħha hija 25% ogħla minn ta' LNSA, id-differenzi fl-istokkijiet (tiċkin⁹) huma aktar baxxi u l-pożizzjoni ġeografika tagħha hija aktar konvenjenti, li jfisser ħinijiet ta' konsenja iqsar u kostijiet tat-trasport aktar baxxi.

Impatt mistenni tal-ġhoti tas-sensji fir-rigward tal-ekonomija lokali, reġjonali jew nazzjonali u l-impjiegi

17. Fir-raba' kwart (Q4) tal-2022, ir-rata tal-qgħad fil-Wallonia (8,4 %) kienet 2,8 punti perċentwali ogħla mir-rata tal-qgħad fil-livell nazzjonali (5,6 %)¹⁰. F'Diċembru 2022, ir-rata tad-domanda għall-impjiegi (is-sehem tal-persuni qiegħda rreġistrati li qed ifittxu impjiegi fil-popolazzjoni attiva) fil-Wallonia kienet ta' 13.4 %, jiġifieri 1,3 punti perċentwali ogħla milli f'Diċembru 2021¹¹.
18. Għalkemm LNSA tinsab fil-provinċja ta' Brabant Wallon, is-sensji jikkonċernaw ukoll lil Hainaut fejn jgħixu 86.3 % tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja. Fi Frar 2023, l-għadd ta' persuni rreġistrati li qed ifittxu impjiegi żdied b' 9.8 % sena wara sena f'Hainaut u b' 3.7 % f'Brabant Wallon¹².
19. L-età hija assoċjata ma' diffikultajiet fit-tiftix ta' impjiegi fi Brabant Wallon, fejn daww li għandhom 50 sena jew aktar kienu jirrappreżentaw 30 % ta' daww irreġistrati li kienu qed ifittxu impjiegi f'Frar 2023¹³. Aktar minn nofs (53.3 %) tal-ex ħaddiema tal-LNSA għandhom aktar minn 45 sena.
20. Filwaqt li l-kriżi tal-COVID-19 aċċellerat it-tfittxija għal aktar ħaddiema kwalifikati fis-suq tax-xogħol Belġjan¹⁴, il-forza tax-xogħol LNSA hija essenzjalment magħmula minn profili ta' handlers. Għalhekk, dawn il-ħaddiema jistgħu jsibuha diffiċli biex jerġgħu jintegraw ruħhom f'impjiegi; aktar u aktar biex isibu kuntratti stabbli, peress li s-settur jiffavorixxi kuntratti qosra.
21. L-awtoritajiet ta' Wallonia jargumentaw li s-sensji f'LNSA se jkollhom impatt partikolari fuq żewġ kategoriji ta' ħaddiema (daww b'livell baxx ta' hili u daww li għandhom aktar minn 50 sena) li diġà huma żvantaġġati fis-suq tax-xogħol reġjonali.
22. Barra minn hekk, is-sitwazzjoni ekonomika (żieda fl-inflazzjoni, żieda fil-prezzijiet tal-materja prima u l-enerġija, eċċ.) influwenzata mill-kuntest ġeopolitiku attwali tnaqqas il-marġnijiet tal-intrapriżi u l-kompetittività tagħhom. Għall-2023, l-IWEPS (l-Istitut tal-Wallonia għall-Evalwazzjoni, il-Prospettiva u l-Istatistika) ibassar żieda limitata għall-PDG tal-Wallonia ta' 1.1 %¹⁵ (1,4 punti perċentwali inqas mill-2022). F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-ħaddiema preċedenti ta' LNSA se jeħtieġu appoġġ addizzjonali u mmirat biex iżidu l-possibiltajiet tagħhom li jsibu impjiegi ġodda.

⁹ Il-kunċett ta' tnaqqis huwa relatat mal-ispejjeż li jirriżultaw minn telf ta' merkanzija li jseħħ waqt l-immaniġġjar jew minħabba serq jew negliġenza.

¹⁰ Medja tal-Q4 tal-2022. Sors: [Statbel](#). "Quarterly labour market indicators with regard to sex and age group absolute and relative figures (2017-2022 4th quarter).

¹¹ [Le Forem](#), « Marché de l'emploi. Tendances et conjoncture en Wallonie ». Jannar 2023.

¹² [Le Forem](#), « Emploi du temps. Photo locale de la demande d'emploi ». Frar 2023.

¹³ Ibid.

¹⁴ Bodart, V. & B. Van der Linden (2022), Crise du COVID-19. Rebond économique et difficultés de recrutement en Belgique. Regards économiques 168, UCLouvain.

¹⁵ [IWEPS, Perspectives économiques 2022-2027](#)

Applikazzjoni tal-Qafas tal-UE ta' Kwalità għall-antiċipazzjoni tal-bidla u tar-ristrutturar (QFR)

23. Il-Belġu ddeskriva kif tqiesu r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar.
24. Logistics Nivelles kienet konformi mal-liġi Belġjana dwar is-sensji kollettivi, li tistabbilixxi proċedura obbligatorja għall-informazzjoni u konsultazzjoni mar-rappreżentanti tal-ħaddiema. Il-proċedura tagħmilha possibbli li tiġi esplorata kwalunkwe possibbiltà li jiġi evitat jew li jitnaqqas l-għadd ta' sensji. Din tfittex ukoll li ttaffi l-konsegwenzi tat-telf ta' impjiegi permezz ta' miżuri soċjali komplementari, bħall-appoġġ għar-riallokazzjoni jew għat-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema li nġataw is-sensja. In-negozjati żguraw baġit speċifiku ta' EUR 1 500 għal kull ħaddiem biex ikopri l-kostijiet tat-taħriġ mill-ġdid.
25. Il-leġislazzjoni reġjonali tal-Wallonja¹⁶ tippredvi appoġġ speċifiku għall-ħaddiema li nġataw is-sensja, fil-forma ta' unità ta' riallokazzjoni (*cellule de reconversion*)¹⁷ mis-Servizz Pubbliku Reġjonali għall-Impjiegi u t-Taħriġ Vokazzjonali (Forem), fuq talba tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-ħaddiema. L-unità ta' riallokazzjoni ma tikkostitwix obbligu għall-impjegatur, u lanqas għal Forem. L-implimentazzjoni tal-miżuri kofinanzjati tal-FEG se tiġi ġestita permezz ta' tali unità ta' riallokazzjoni.
26. Fir-rigward tal-attivitajiet imwettqa biex jgħinu lill-ħaddiema ssensjati, il-Belġu rrapporta li l-liġi nazzjonali tax-xogħol¹⁸ dwar il-ġestjoni attiva tar-ristrutturar tirrikjedi li l-intrapriżi li jkunu qegħdin jiġu rristrutturati jistabbilixxu unità tal-impjiegi (*cellule pour l'emploi*)¹⁹, li l-għan tagħha jkun li tippredvi lill-ħaddiema li jkunu nġataw is-sensja fil-kuntast ta' sensji kollettivi, bi 30 siegħa ta' servizzi ta' rikollokament f'perjodu ta' tliet (3) xhur (60 siegħa f'sitt (6) xhur għall-ħaddiema ta' 45 sena u aktar). Is-servizzi tal-unità tal-impjiegi bdew immedjatament wara s-sensji.

Kumplimentarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-Unjoni

27. Il-Belġu kkonferma li l-miżuri deskritti hawn taħt li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma humiex se jirċievu wkoll kontribuzzjonijiet finanzjarji minn strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni.
28. Il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati jikkomplementa azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-UE oħrajn ara s-servizzi ta' rikollokament deskritti fil-paragrafu 26.

Proċeduri għall-konsultazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira jew tar-rappreżentanti tagħhom jew tas-sħab soċjali kif ukoll tal-awtoritajiet lokali u reġjonali

29. Il-Belġu indika li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tfassal f'konsultazzjoni ma' rappreżentanti tal-benefiċjarji fil-mira, u l-imsieħba soċjali, f'konformità mal-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) 2021/691.
30. Bil-għan li jitħejja pakkett sod ta' miżuri mfassla apposta biex jappoġġaw l-isforzi tal-ħaddiema ta' LNSA biex jerġgħu lura għax-xogħol, fis-6 ta' April, fil-11 ta'

¹⁶ Id-Digriet tal-Gvern tal-Wallonja tad-29 ta' Jannar 2004, kif emendat bid-Digriet tat-30 ta' April 2009.

¹⁷ [Forem. Avveniment ta' ristrutturar: unitajiet ta' riallokazzjoni](#)

¹⁸ Id-Digriet Reġju (Arrêté Royal) tal-10 ta' Novembru 2006 li jemenda d-Digriet Reġju tad-9 ta' Marzu 2006

¹⁹ [Forem. Avveniment ta' ristrutturar: unitajiet ta' impjeg](#)

Mejju u fil-21 ta' Ġunju 2022, il-Forem, it-trade unions (FGTB²⁰ u CSC²¹), u sħab oħrajn iltaqgħu, biex jifhmu aħjar il-ħtiġijiet ta' taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema. Il-konsulenti soċjali li akkumpanjaw lill-ħaddiema wara li ngħataw is-sensja ġew ikkonsultati wkoll. Dawn il-laqgħat irriżultaw f'pakkett ikkoordinat ta' miżuri tal-FEG li jikkomplementa l-miżuri standard proposti mill-unità tal-impjiegi.

Benefiċjarji fil-mira u azzjonijiet proposti

Benefiċjarji fil-mira

31. Il-603 ħaddiem kollha ssensjati huma mistennija jipparteċipaw fil-miżuri. Skont l-Artikolu 8(7), il-punt (f), tar-Regolament (UE) 2021/691, id-diżaggregazzjoni pprovduta ta' dawn il-ħaddiema skont il-ġeneru, il-grupp ta' età u l-livell edukattiv hija kif ġej:

Kategorija		Għadd ta' benefiċjarji mistennija	
Ġeneru:	Irgħiel:	586	(97.2 %)
	Nisa:	17	(2.8 %)
	Mhux binarji	0	(0.0 %)
Grupp ta' età:	Taħt it-30 sena:	27	(4.5 %)
	Bejn it-30 u l-54 sena:	450	(74.6 %)
	Aktar minn 54 sena:	126	(20.9 %)
Livell ta' edukazzjoni	Edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell jew inqas ²²	294	(48.8 %)
	Edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell ²³ jew postsekondarja ²⁴	277	(45.9 %)
	Edukazzjoni terzjarja ²⁵	32	(5.3 %)

²⁰ Fédération générale du travail de Belgique.

²¹ Confédération des syndicats chrétiens.

²² ISCED 0-2

²³ ISCED 3

²⁴ ISCED 4

²⁵ ISCED 5-8

32. Skont l-Artikolu 8(7), il-punt (h), tar-Regolament (UE) 2021/691, il-pakkett ikkoordinat li għandu jiġi pprovdut lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja jikkonsisti mill-miżuri li ġejjin:

- Servizzi ta' informazzjoni, gwida okkupazzjonali u assistenza għar-rikollokament. Dan is-sett ta' servizzi jespandi l-attivitajiet standard b'appoġġ għall-ħaddiema preċedenti ta' Logistics Nivelles imwettqa mill-unità tal-impjieg ta' Forem f'isem l-intrapriża li tat is-sensji. L-offerta standard se tiġi estiża lil hinn mill-perjodu obbligatorju u se jiġu proposti servizzi speċifiċi addizzjonali bħal ikkowċjar individwali, servizzi ta' tiftix attiv għal impjieg u servizzi ta' tqabbil tal-impjieg. Se tingħata attenzjoni partikolari lil persuni vulnerabbli f'sitwazzjoni ta' diffikultà psikoloġika, dejn, jew diżabilità rikonoxxuta permezz ta' professjonisti speċjalizzati fl-assistenza ta' dawn il-gruppi.
- Taħriġ, taħriġ mill-ġdid u taħriġ vokazzjonali. Il-ħaddiema se jkollhom aċċess għall-offerta ta' taħriġ standard ta' Forem u s-sħab tiegħu. Se jintużaw ukoll moduli speċifiċi għat-tiftix għall-impjieg. Barra minn hekk, wara t-tfassil tal-profil u l-ftehim dwar proġetti individwali mal-konsulent vokazzjonali, se jiġi offrut taħriġ speċifiku biex jiġi indirizzati l-ħtiġijiet identifikati. Qiegħed jiġi offrut ukoll modulu biex jittejjbu l-ħiliet tal-IT u biex tinkiseb awtonomija diġitali, żviluppat speċifikament għall-ħaddiema tal-logistika²⁶. Dan il-modulu jikkomplementa l-modulu għall-iżvilupp ta' ħiliet diġitali li huwa parti mill-offerta ta' taħriġ standard ta' Forem.
- Appoġġ lejn il-ħolqien tan-negozju. Il-miżura hija mmirata lejn ħaddiema li jixtiequ jifih u n-negozju tagħhom. Din se tinkludi fażi ta' dijanjożi u gwida, azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni dwar l-intraprenditorija, sessjonijiet ta' informazzjoni dwar il-potenzjal għall-ħolqien tan-negozju permezz ta' dijanjożi ekonomika territorjali u networking ma' intraprendituri rilevanti u ma' coaches iċċertifikati fil-ħolqien tan-negozju.
- Kontribuzzjoni għall-ħolqien tan-negozju. Il-ħaddiema li jibdew negozju jew attività bħala persuni li jaħdmu għal rashom se jirċievu kontribuzzjoni sa EUR 15 000. Il-kontribuzzjoni se titħallas f'żewġ pagamenti, wara li tingħata prova tal-bidu u l-iżvilupp tal-attività ta' negozju b'dokumenti ta' sostenn.
- Inċidenti u allowances: (1) Tiftix għal impjieg u allowances għat-taħriġ. Il-ħaddiema se jirċievu EUR 2 fis-sieġha għall-parteċipazzjoni effettiva fit-taħriġ jew fl-attivitajiet ta' tiftix għal impjieg. **(2) Bonus għat-titjib tal-ħiliet tal-IT.** Il-ħaddiema li jsegwu l-modulu għall-aċċess għall-awtonomija diġitali se jirċievu somma f'daqqa ta' EUR 400 kondizzjonali fuq il-parteċipazzjoni attiva tagħhom u t-tlestija tat-taħriġ. Il-bonus għandu l-għan li jnaqqas l-illitteriżmu diġitali billi jhegġegħ lill-ħaddiema preċedenti ta' LNSA itejbu l-ħiliet tal-IT tagħhom. **(3) Bonus għat-titjib tal-ħiliet fil-lingwi.** Il-ħaddiema li jsegwu modulu intensiv ta' taħriġ lingwistiku organizzat minn Forem jew kors ta' immersjoni tal-lingwa f'intrapriża biex itejbu l-ħiliet tal-lingwa Olandiża, Ingliż jew Ġermaniża tagħhom bħala parti minn tfittxija speċifika ta' impjieg

²⁶ Il-modulu għall-aċċess għall-awtonomija diġitali żviluppat fil-qafas tal-intervent tal-FEG b'appoġġ għall-ħaddiema ssensjati fl-intrapriża tal-loġistika TNT (EGF/2022/002 BE TNT, COM (2023) 069).

se jirċievu somma f'daqqa ta' EUR 500. L-oġġettiv tal-bonus huwa li jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' ħiliet lingwistiċi transdixxiplinarji biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni mill-ġdid tal-ħaddiema fl-impjiegi. **(4) Allowance għar-ritorn għall-iskola.** Se jingħata allowance ta' EUR 350 lil ħaddiema li jibdwu studji sekondarji u terzjarji full-time għal mill-anqas sena waħda, jew taħriġ kwalifikanti ta' mill-anqas 3 xhur biex jiksibu l-ħiliet meħtieġa għall-impjiegi li hemm domanda għalihom u li għalihom ir-reklutaġġ huwa diffiċli, huma relatati ma' funzjonijiet kritiċi²⁷, jew li fihom hemm żbilanċ sinifikanti bejn il-ġeneri. **(5) Allowance għall-ħolqien ta' negozju.** Sabiex il-ħaddiema jiġu appoġġjati waqt it-twaqqif tan-negozju tagħhom, se jingħata benefiċċju ta' kull xahar ta' EUR 350 għal massimu ta' 12-il xahar.

33. It-taħriġ biex tinkiseb l-awtonomija diġitali msemmi hawn fuq li jikkomplementa t-taħriġ standard tal-Forem biex jiġu żviluppati l-ħiliet diġitali, flimkien ma' modulu dwar l-ekonomija ċirkolari u l-użu effiċjenti tar-riżorsi huma f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2021/691. Il-modulu dwar l-ekonomija ċirkolari u l-użu effiċjenti tar-riżorsi żviluppat għall-ħaddiema preċedenti ta' Swissport (EFG/2020/005 BE)²⁸ huwa parti mill-offerta ta' taħriġ standard ta' Forem kofinanzjata mill-FSE+. Għalhekk, dan ma huwiex ibbaġitjat f'din il-proposta. Barra minn hekk, l-ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi hija fil-qalba tal-offerta ta' taħriġ taċ-ċentru ta' taħriġ "ambjent" ta' Forem²⁹.
34. L-azzjonijiet proposti deskritti hawnhekk jikkostitwixxu miżuri ta' politika attivi tas-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli, stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2021/691. Dawn l-azzjonijiet ma jissostitwixxux miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.
35. Il-Belġju informa li t-30/60 siegħa ta' servizzi ta' rikollokament li huma l-obbligu legali tal-impjegatur bdew immedjatament wara s-sensji. L-unità ta' riallokazzjoni kofinanzjata mill-FEG ġiet inkarigata wara t-tmiem tal-obbligu legali mingħajr diskrepanza fiż-żmien.
36. Il-Belġju pprova l-informazzjoni meħtieġa dwar miżuri li huma obbligatorji għall-intrapriża kkonċernata permezz tal-liġi nazzjonali jew skont il-ftehimiet kollettivi. F'konformità mal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2021/691, il-Belġju kkonferma li dawn il-miżuri ma humiex se jiġu sostitwiti b'kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG.

Baġit stmat

37. Il-kostijiet totali stmati huma ta' EUR 2 533 363 li jinkludu nefqa ta' EUR 2 484 363 għal servizzi personalizzati u nefqa ta' EUR 49 000 għal attivitajiet ta' thejġġija, ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità, kontroll u rapportar.
38. Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mitluba mill-FEG hija ta' EUR 2 153 358 (85 % tal-kostijiet totali).
39. Skont l-Artikolu 8(7), il-punt (m), ir-Regolament (UE) 2021/691, il-Belġju speċifika li l-prefinanzjament u l-kofinanzjament nazzjonali huma pprovduti mill-Wallonja.

²⁷ [Lista ta' impjiegi li hemm domanda għalihom u li diffiċli jiġu koperti jew li huma marbuta ma' funzjonijiet kritiċi. « Métiers en tension de recrutement en Wallonie. Liste des métiers/fonctions critiques et en pénurie ». Le Forem 2020.](#)

²⁸ COM(2021) 212.

²⁹ www.formation-environnement.be

Miżuri	Għadd stmat ta' parteċipanti	Il-kost stmat għal kull parteċipant (EUR) ³⁰	Kostijiet totali stmati (EUR) ³¹
Servizzi personalizzati (miżuri fl-ambitu tal-Artikolu 7(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/691)			
Servizzi ta' informazzjoni, gwida okkupazzjonali u assistenza għar-rikollokament (konverżjoni mill-ġdid: akkomodazzjoni/orjentazzjoni/mobilizzazzjoni)	603	2 924	1 762 914
Taħriġ, taħriġ mill-ġdid u taħriġ vokazzjonali (formazzjonijiet u moduli speċifiċi)	300	364	109 200 ³²
Appoġġ lejn il-ħolqien ta' negozju (dispożizzjoni ta' akkomodazzjoni tal-imprenditur)	60	2 028	121 681
Kontribuzzjoni għall-ħolqien ta' negozju (bourse de lancement)	12	10 000	120 000
Subtotal (a): Il-perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati	—		2 113 795 (85,08 %)
Allowances u inċentivi (miżuri fl-ambitu tal-Artikolu 7(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/691)			
Inċentivi u allowances (allocation de recherche d'emploi et de formation, prime numérique, prime langue, allocation de reprise d'études, allocation d'entrepreneuriat)	603	615	370 568
Subtotal (b): Il-perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati:	—		370 568 (14,92 %)
Attivitajiet fl-ambitu tal-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) 2021/691.			
1. L-attivitajiet preparatorji	—		0 ³³
2. Il-maniġment	—		20 000
3. L-informazzjoni u l-pubbliċità	—		15 000

³⁰ Sabiex jiġu evitati d-deċimali, il-kostijiet stmati għal kull ħaddiem tqarribu għall-eqreb numru sħiħ. Madankollu, it-tqarrib ma għandu l-ebda impatt fuq il-kost totali ta' kull miżura, li jibqa' bħal fl-applikazzjoni sottomessa mill-Belġju.

³¹ It-totali ma jaqblux minħabba li ċ-ċifri tqarribu għall-eqreb numru sħiħ.

³² Il-kofinanzjament tal-FEG huwa mitlub għal taħriġ li ma huwiex inkluż fl-offerta ta' Forem, u lanqas ma huwa kopert mill-baġit speċifiku ta' LNSA għat-taħriġ mill-ġdid imsemmi fil-punt nru 24.

³³ L-attivitajiet preparatorji huma ffinanzjati mill-baġit operattiv ta' Forem għal rikonverżjonijiet kollettivi.

4. Kontroll u rapportar	–	14 000
Subtotal (c):	–	49 000
Perċentwal tal-kostijiet totali:	–	(1,93 %)
Kostijiet totali (a + b + c):	–	2 533 363
Kontribuzzjoni tal-FEG (85 % tal-kostijiet totali)	–	2 153 358

40. Il-kostijiet tal-miżuri identifikati fit-tabella ta' hawn fuq b'ħala miżuri skont l-Artikolu 7(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (b) tar-Regolament (UE) 2021/691 ma jaqbx il-35 % tal-kostijiet totali tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati. Il-Belġju kkonferma li dawn il-miżuri huma kondizzjonali għall-parteċipazzjoni attiva tal-benefiċjarji fil-mira f'attivitajiet ta' tiftix għal impjeg jew ta' taħriġ.
41. Il-Belġju, f'konformità mal-Artikolu 7(2), ir-raba' subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2021/691, ikkonferma li l-kostijiet tal-investimenti għall-ħaddiema li jaħdmu għal rashom, għan-negozji l-ġodda u għall-akkwiżizzjoni maġġoritarja mill-impjegati ma humiex se jaqbxu t-EUR 22 000 għal kull benefiċjarju.

Perjodu ta' eliġibbiltà tan-nefqa

42. Il-Belġju beda jipprova s-servizzi personalizzati lill-benefiċjarji fil-mira fl-1 ta' Awwissu 2022³⁴. Għalhekk, in-nefqa fuq il-miżuri se tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-1 ta' Awwissu 2022 sa 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament.
43. Il-Belġju beda jġarrab in-nefqa amministrattiva biex jimplimenta l-FEG fit-22 ta' Settembru 2021. In-nefqa għal attivitajiet preparatorji, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni u ta' pubbliċità, ta' kontroll u ta' rapportar għandha għalhekk tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mit-22 ta' Settembru 2021 sa 31 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament.

Sistemi ta' ġestjoni u kontroll

44. L-applikazzjoni fiha deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u kontroll meħtieġa fl-ambitu tal-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2021/691, li tispjega r-responsabbiltajiet tal-korpi involuti. Il-Belġju nnotifika lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tkun ġestita u kkontrollata mill-istess korpi li jimmaniġġaw u li jikkontrollaw l-FSE+.

L-impenji pprovduti mill-Istat Membru kkonċernat

45. Il-Belġju ta l-assigurazzjonijiet kollha meħtieġa fir-rigward ta' dawn li ġejjin:
- il-prinċipji tal-ugwaljanza tat-trattament u tan-nondiskriminazzjoni se jiġu rispettati fl-aċċess għall-miżuri proposti u għall-implimentazzjoni tagħhom,
 - ir-rekwiżiti stipulati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar is-sensji kollettivi ġew issodisfati,

³⁴ Miżuri b'appoġġ għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja fi żmien sitt xhur qabel il-bidu tal-perjodu ta' referenza.

- LNSA, li ssoktat bl-attivitajiet tagħha wara s-sensji³⁵, ikkonformat mal-obbligi legali tagħha u pprovdiet għall-ħaddiema tagħha kif xieraq,
- kwalunkwe finanzjament doppju se jiġi evitat,
- il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se tkun konformi mar-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta baġitarja

46. Il-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 186 miljun (il-prezzijiet tal-2018), kif stipulat fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027³⁶.
47. Wara li eżaminat l-applikazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2021/691, u wara li qieset l-għadd ta' benefiċjarji fil-mira, il-miżuri proposti u l-kostijiet stmati, il-Kummissjoni tippromponi li l-FEG jiġi mmobilizzat għall-ammont ta' EUR 2 153 358, li jirrappreżenta 85 % tal-kostijiet totali tal-miżuri proposti, sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni.
48. Id-deċiżjoni proposta għall-mobilizzazzjoni tal-FEG se tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skont l-Artikolu 15(1), l-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza, tar-Regolament (UE) 2021/691, u kif huwa stabbilit fil-punt 9 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji godda³⁷.

Atti relatati

49. Fl-istess waqt li tippreżenta din il-proposta għal deċiżjoni sabiex jiġi mmobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta għal trasferiment tal-ammont ta' EUR 2 153 358 għal-linja baġitarja rilevanti.
50. Fl-istess ħin li adottat din il-proposta għal deċiżjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni dwar kontribuzzjoni finanzjarja li tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046³⁸. Dik id-deċiżjoni ta' finanzjament se tidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Kummissjoni tiġi nnotifikata bl-approvazzjoni tat-trasferiment baġitarju mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skont l-Artikolu 15(2), l-ewwel subparagrafu tar-Regolament (UE) 2021/691.

³⁵ LNSA għalqet il-bini tax-xogħol tagħha fil-Wallonja. Madankollu hija tkompli topera fil-bini Fjamming tagħha.

³⁶ ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11.

³⁷ ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 29.

³⁸ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Belġju – EGF/2023/001 BE/ LNSA

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013³⁹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1), l-ewwel subparagrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda⁴⁰, u b'mod partikolari l-punt 9 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) għandu l-għan li juri solidarjetà u li jippromwovi impjieġ deċenti u sostenibbli fl-Unjoni billi jipprovdi appoġġ għall-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja u għal dawk li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet fil-każ ta' avvenimenti kbar ta' ristrutturar u jgħinhom jirritornaw għal xogħol deċenti u impjieġ sostenibbli mill-aktar fis possibbli.
- (2) Il-FEG ma għandux jaqbeż l-ammont massimu annwali ta' EUR 186 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093⁴¹ u l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2021/691.
- (3) Fis-17 ta' Frar 2023, il-Belġju ressaq applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG f'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2021/691, fir-rigward tas-sensji tal-ħaddiema f'Logistics Nivelles SA fil-Belġju. Din ġiet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali pprovduta f'konformità mal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2021/691. Dik l-applikazzjoni titqies konformi mal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-

³⁹ ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

⁴⁰ ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 29

⁴¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11).

Regolament (UE) 2021/691, abbażi tal-valutazzjoni li saret mill-Kummissjoni fil-Proposta għal deċiżjoni ta' mobilizzazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴².

- (4) Għalhekk, il-FEG jenħtieġ li jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 2 153 358 fir-rigward tal-applikazzjoni ppreżentata mill-Belġju.
- (5) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien li jittieħed għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, din id-deċiżjoni jenħtieġ li tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja tal-2023, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati għandu jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi l-ammont ta' EUR 2 153 358 f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Din għandha tapplika minn **[id-data tal-adozzjoni tagħha]***.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

⁴² COM(2023) 210.

* **Id-data għandha tiddaħħal mill-Parlament qabel il-pubblikazzjoni fil-ĠU.**